MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tal-11 ta' April, 2011

Numru. 247/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Nikolai Sant]**

**vs**

**Ronnie Mackay**

Kumpilazzjoni Numru 247/2010

**Illum 11 ta' April 2011**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Ronnie Mackay ta' 28 sena, iben Anthony u Yvonne nee' Cutajar, imwieled l-Pieta', nhar it-08 ta' Mejju, 1981 u residenti fil-fond gewwa 'Class Court', Block B, Flat No 4, Triq Danny Cremona, Hamrun, u detentur tal-karta ta' l-Identita' bin-numru 228781(M).

Akkuzat talli fil-21 ta' Frar, 2010, ghall-habta ta' 01:45hrs gewwa San Giljan:

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Mandy Formosa skond kif iccertifikat Dr.Agnes Cachia Reg. No 2863 ta' l-Isptar Mater Dei.
2. Ikkommetta attentat vjolenti ghall-pudur fuq l-imsemmija Mandy Formosa.
3. Hebb ghall-Mandy Formosa sabiex jingurja, iddejjaq jew jaghmilha hsara.
4. Kiser il-bon ordni pubblika b'ghajjat u glied.

Rat l-artikoli 207, 216, 218, 338(dd) u 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi dan il-kaz jirreferi ghal incident li sehh gewwa t-Tzers Club f'Paceville. Jidher li dak li beda bhala battibekk bejn l-imputat u certu Mandy Formosa wassal biex din Mandy Formosa sofriet griehi f' wiccha.

Illi l-prosekuzzjoni ressqet diversi xhieda; taw id-depozizzjoni taghhom l-imsemmija Mandy Formosa, z-zewg persuni li kienet magghom (Antonella Shifo u Neil Grima) kif ukoll il-pulizija u t-tobba li kienu involuti fil-kaz.

Illi Mandy Formosa tghid li fil-waqt li hija kienet qeghda f'dan il-club ghadda l-imputat minn hdejha u messha b'idejh. Hi rrimarkatlu fuq dan il-fatt u qam battibekk bejniethom. F'xi hin l-imputat imbotta lil Formosa u hi tefghatlu l-likwidu li kien hemm fit-tazza taghha; malli ghamlet hekk l-imputat taha daqqa f'wiccha bit-tazza li kellu f'idejh u bhala rizultat ikkawzalha lacerazzjoni. Malli ghamel hekk Mandy telqet tigri fit-toilet u l-imputat mar mal-bar.

Illi Antonella Schifo u Neil Grima li kienu f'l-istess club ma' Formosa ikkoroboraw partijiet mill-verzjoni taghha. Schifo tghid li hija kienet vicin ta' Formosa imma qed tkellem lil persuna ohra ghalhekk ma kinitx taf ezattament x'inhu jigri. F'xi hin rat lil Formosa u lill-imputat jitkellmu; ma setghetx tisma x'kienu qed jghidu pero hadet l-impressjoni li l-konverzazzjoni ma kenitx wahda amikevoli. Wara ftit sekondi Schifo regghet dawwret wiccha u rat lil Formosa b'xi haga ma' wiccha, resqghet lejha u indunat li kellha wiccha kollu demm. Neil Grima jghid li fil-hin ta' l-incident kien qieghed mal-bar; sema' hoss u konfuzjoni, dawwar wiccu ra lil xi hadd (ragel) jimbotta lil Formosa u lil din timbottah lura,  mbaghad ra lil Formosa tigri lejn it-toilets u meta harget minn hemm induna li kellha wiccha kollu demm.

Illi meta Formosa harget mit-toilet l-imputat kien ghadu fil-club ghalhekk hi maz-zewgt ihbieb taghha hargu jghidu lill-pulizija; dawn dahlu fil-club biex ikellmu lill-imputat. Huma talbuh johrog maghhom u malli hargu u bdew ikellmuh dwar l-incident huwa telaq jigri pero sabuh ftit wara f'club iehor.

Illi l-imputat irilaxxja stqarrija u anke ta d-depozizzjoni tieghu quddiem din il-Qorti. Qari ta'l-istqarrija u tad-depozizzjoni juri bic-car li l-imputat ma kienx konsistenti fil-verzjonijiet li huwa ta. F'l-istqarrija hu jirrakkonta li kien sejjer lejn it-toilet, ittanta lil Formosa, haga li hija m'apprezzatx; huwa baqa jinsisti u hi tefat it-tazza li kellha f'idejha. Hu laqa' din it-taxxa u mbottaha lura. L-imputat kompla jirrakkonta li hu ma jafx x'sar mit-tazza u lanqas ma kien jaf li Formosa ntlaqtet. Fid-depozizzjoni tieghu jaghti verzjoni differenti. Jghid li hu kien sejjer lejn it-toilet meta hass lil xi hadd jimbottah, dar ra lil Formosa u meta saqsa x'gara qaltlu li kien qed jittantaha, hi kompliet timbottah u anke tefatlu t-tazza li kellha f'idejha. Hu laqa' din it-tazza u tefaghha 'l boghod minn wiccu u baqa sejer it-toilet. Ta' min iwehed jirrileva ukoll li f'l-istqarrija l-imputat jghid li meta sehh dan l-incident hu ma kien lahaq ha vodka b'l-orange ghand it-Tzers, fil-waqt li fid-

depozizzjoni tieghu hu jghid li hu ma kien xorob xejn qabel dan l-incident.

Illi minkejja l-kunflitt f'dak li jghid l-imputat minn naha u dak li tghid Mandy Formosa minn-naha l-ohra, u tenut kont ta' dak li jghidu x-xhiedha l-ohra u l-kumpless kollu tal-provi, inkluz il-fatt li l-imputat harab meta l-pulizija kellmuh l-ewwel darba, l-Qorti hija konvinta, anke wara li kellha l-opportunita tara u tisma kull wiehed mill-persuni koncernati jiddeponi, li l-verzjoni korretta ta' kif gara l-incident hija dik mghotija minn Mandy Formosa.

Ikkunsidrat

Illi l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat huma erbgha u cioe li kkawza griehi gravi fuq il-persuna ta' Mandy Formosa, li kkommetta attantat vjolenti ghal-pudur taghha, li hebb ghaliha u li kiser il-bon ordni u l-paci pubblika.

Illi kif intqal aktar 'l fuq il-Qorti hija konvinta li l-verzjoni korretta hija dik mghotija minn Mandy Formosa, konsegwentement jirrizulta li kien l-imputat li hebb ghal Formosa bit-tazza u li kien bhala rizultat ta'l-agir ta' l-imputat li Formosa soffriet il-griehi li fil-fatt soffriet.

Illi mic-certifikati medici esebiet u minn dak li setghet tikkonstata l-Qorti de visu jirrizulta li l-lacerazzjoni li soffriet Formosa kkawzat sfregju li fil-fehma taghha mhux daqstant gravi li jgieb l-effetti elenkati f'l-artikolu 218 imma dawk elenkati f'l-artikolu 216. Konsegwentement il-Qorti hija sodisfatta li l-ewwel, it-tielet u r-raba imputazzjoni migjuba kontra l-imputat huma sodisfacjentement pruvati.

Illi t-tieni imputazzjoni migjuba kontra l-imputat hija dik li kkommetta attentat vjolenti ghall-pudur ta' l-imsemmija Mandy Formosa. Fid-depozizzjoni taghha Formosa tikkoncedi li jista' jkun li l-imputat laqatha incidentalment u fi kwalunkwe kaz dan il-gest, partikolarment jekk accidentali, ma jissodisfax l-estremi rikjesti biex jissussisti r-reat in ezami. Din it-tieni imputazzjoni ghalhekk ma gietx pruvata.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet diversi fatturi in konsiderazzjoni. Naturalment l-ewwel fattur li ghandu jittiehed in konsiderazzjoni huwa n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat. Min-naha l-ohra l-Qorti trid tiehu in konnnsiderazzjoni ukoll il-fatt li ghalkemm dan l-incident provokah l-imputat b'l-agir tieghu, Mandy Formosa taccetta li meta kkonfrontat lill-imputat setghet tawwlet ilsienha. Fattur iehor li bil-fors trid tiehu in konsiderazzjoni huwa l-fedina penali ta'l-imputat li hija netta.

Ghal dawn il-mtovi l-Qorti, fil-waqt li ma ssibx lill-imputat hati tat-tieni imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tilliberah minnha, wara li rat l-artikoli 216(1)(b), 338(dd) u 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet l-ohra kollha migjuba kontra tieghu u tikkundannah tlett xhur prigunerija li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kaptiolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospiezi ghal perjodu ta' sena.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju r-responsabbilta tieghu u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------